MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 252/2011

**A B**
**vs**
**C *sive* D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ipprezenta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta’ Jannar 1973 u minn dan iz-zwieg huma kellhom erbat itfal, illum kollha maggorenni Alan, Matthew, Romina u Alison.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’ kuntratt redatt minn Nutar Dr Liza Camilleri datat 28 ta’ April, 2005.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom, stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata

minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohra/familji godda.

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f' dan l-istadju stante illi l-ulied huma lkoll maggorenni u 'l fuq minn tlieta u ghoxrin sena u l-intimata m' hijiex iktar intitolata ghal manteniment skont klawsola 3 ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant il-partijiet umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------